# Il-Knisja tal-'Prepostu'

Minn Veteran



Il-Knisja "tal-Prepostu" - Birkirkara

Sa minn żminijiet imbiegħda Birkirkara kellha għadd sewwa ta' kappelli rurali u knejjes filjali imferrxin mal-limiti kbar tagħha li kienu jinkludu terz ta' Malta. Iżda waqt li f'xi inħawi kien hemm diversi, f'naħiet oħra kien hemm biss ftit li xejn. Wieħed minn dawn il-lokalitajiet ta' l-aħħar kienet ix-xaqliba bejn 'Tal-Balal' u l-Imsierah, fejn illum hemm il-Knisja tal-Qaddisin Filippu u Ġakbu, magħrufa aħjar bħala 'Tal-Prepostu'.

Il-bidu ta' din il-knisja rurali, li llum tinsab fil-limiti tal-Parroċċa filjali ta' San Ġwann, imur lura għal żmien il-Protonotarju Apostoliku u Prepostu Karkariż Dun Ġużepp Gaspare Vassallo, li kien ukoll Duttur fiż-żewġ Liġijiet u fit-Teoloġija, u li okkupa d-Dinjità ta' Preminent tal-Kapitlu Elenjan bejn is-snin 1718 u 1751. Dan il-Prepostu, barra milli kien patrijott kbir u difensur qawwi tad-drittijiet tal-

Kolleġġjata, kien ukoll raġel twajjeb ħafna li kellu għal qalbu l-ġid tal-Parruċċani kollha tiegħu, b'mod speċjali tal-bdiewa u ta' dawk li kienu jgħammru fl-irziezet fil-kampanja. Billi l-bdiewa fl-inħawi magħrufa bħala 'Ix-Xwieki', l-aktar ix-xjuħ, kienu jsibuha diffiċli għalihom biex imorru għall-quddiesa u jirċievu s-Sagramenti, il-Prepostu Vassallo ħaseb fihom bil-mod li deherlu li kien l-aktar prattiku u konvenjenti, u iddeċieda li jibnilhom kappella minn flusu stess fl-inħawi li semmejna.

Biex mill-kliem jgħaddi għall-fatti, nhar it-18 ta' Ottubru tal-1732, l-imsemmi Prepostu mar għand Nutar u, quddiem ix-xiehda Baskal Gauci bin Ġużepp, u l-Kjeriku Ċikku Grech, iddikjara li billi ħass li kien qed joqrob lejn tmiem ħajtu xtaq jiżra fl-art dak li seta' jirrendilu imgħax tajjeb fis-sema. B'dan il-ħsieb f'moħħu, fuq biċċa raba' tiegħu magħrufa bħala 'Ta' Wied Għomor', fl-inħawi ta' 'Ix-Xwieki', ried jibni knisja mill-aktar fis, u jwaqqafha taħt it-titlu tal-Qaddisin Appostli Filippu u Ġakbu u tal-Erwieħ Imqaddsin tal-Purgatorju. Bħala renta ħalla għal din il-knisja disa' skudi fis-sena li għabbiehom bħala piż fuq dar bir-raba' magħha li kellu ħdejn il-knisja ta' Santu Rokku ta' Birkirkara. Minn dan id-dħul il-Prepostu ried li ssir quddiesa kull nhar ta' Ħadd matul is-sena kollha, u li jinxtegħel il-lampier fil-knisja kull nhar ta' Sibt filgħaxija għal dejjem. Jekk imbagħad jifdal xi ħaġa tal-flus, din kellha tmur għal xi tiswijiet u manutenzjoni li jkun hemm bżonn isiru lill-knisja.

Dan il-Fundatur tal-Knisja tal-Prepostu għamel ukoll xi kundizzjonijiet meta waqqafha. Waħda kienet illi l-knisja tiegħu ma kellha qatt tiddependi mill-Arċipriet-Kurat tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, imma biss minnu u minn kull Prepostu ieħor li jiġi warajh. Kundizzjoni oħra kienet li għal darba waħda biss hu kien se jforniha b'dak kollu li kellha bżonn għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies u funzjonijiet oħra. Il-Prepostu ried ukoll li sakemm idum ħaj jibqa' jagħżel hu stess Sagristan biex jieħu ħsiebha. U l-aħħar kundizzjoni li għamel kienet li jekk id-dar li kellu ħdejn Santu Rokku titwaqqa' jew jekk l-oġġetti li ta lil dil-knisja jinqerdu, il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd ma tibqax issir sakemm id-dħul tad-9 skudi fis-sena u l-ħwejjeġ l-oħra li ħalla jerġgħu jiġi għalli kienu qabel.

❖ ❖ ❖

Wara ħames xhur dil-knisja kienet għadha ma nbnietx. Mill-banda l-oħra, l-imsemmi Prepostu Vassallo ħass li kien hemm xi ħaġa li ma kenitx f'lokha għal kollox. Għalhekk reġa' mar għand in-Nutar u, quddiem ix-xiehda Marju Borg iben il-mejjet Gori, u Maruzju Borg bin il-mejjet Duminku, stqarr li billi r-renta li kien ħalla għall-knisja tiegħu kellha tiġi minn fuq dar li aktarx kienet se titwaqqa' bla ma' terġa' tinbena, seta' jiġri li dan id-dħul ta' disa' skudi fis-sena jieqaf għal kollox. Għalhekk huwa ħassar dak kollu li kien ordna qabel dwar il-Fundazzjoni ta' din il-knisja u reġa' għamel kollox mill-ġdid, biex b'hekk iserraħ moħħu u l-kuxjenza

tiegħu.
Biex il-bdiewa ta' dawk l-inħawi jkollhom il-kumdità li jixtiequ, u għall-akbar glorja t'Alla, il-Prepostu qal għal darb'oħra li kien qed iwaqqaf bi flusu knisja f'ġieħ il-Qaddisin Appostli Filippu u Ġakbu, u l-Erwieħ Imqaddsin tal-Purgatorju, u li kellha tinbena mill-aktar fis fir-raba' tiegħu magħruf b''Ta' Wied Għomor'. Din id-darba ir-renta li ħallielha kienet ta' sitt skudi fis-sena minn fuq żewġ għelieqi li l-Prepostu kellu qrib l-imsemmija knisja ta' Santu Rokku. Dawn is-sitt skudi fis-sena kellhom iservu biex bihom issir quddiesa kull sena fl-1 ta' Mejju li jaħbat jum il-festa ta' dawn iż-żewġ qaddisin titulari tal-knisja l-ġdida, kif ukoll quddies ieħor kull nhar ta' Ħadd matul ix-xhur t'April, Mejju, Ġunju, Lulju, Awissu u Settembru, u biex jinxtegħel il-lampier tal-knisja kull nhar ta' Sibt filgħaxija. Xi flus li setgħu jibqgħu kellhom iservu għall-konsum ta' xemgħa waqt il-quddies.

Bħal qabel, il-Prepostu Vassallo reġa' għamel xi kundizzjonijiet, fosthom li din il-knisja ma kellha qatt tiddependi mill-Arċipriet-Kurat tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, imma minnu biss u minn kull Prepostu ieħor li jiġi wara. Reġa' qal ukoll li hu kellu jforni 'l knisja b'dak kollu li kien meħtieġ, li s-Sagristan kellu jagħżlu hu, u li jekk l-oġġetti neċessarji għall-knisja jinqerdu jew jintemmu, in-numru ta' quddies kellu jonqos ukoll sakemm kollox jerġa' jiġi bħalma kien.

Hekk, issa, il-knisja tal-Prepostu kienet waslet biex titwaqqaf tassew, u l-bini tagħha jibda tiela kif u fejn riedha il-Fundatur Vassallo. Il-ferħ tal-bdiewa twajba u tal-familji tagħhom f'dawk l-inħawi kien kbir ukoll, u ma qatgħu qatt milli jroddu ħajr u jitolbu għal dan il-benefattur insinji tagħhom.

❖ ❖ ❖

Kienu għaddew għaxar snin minn mindu inbniet din il-knisja meta f'Settembru tal-1743 l-istess Prepostu Gaspare Vassallo reġa' deher quddiem in-Nutar fil-preżenza ta' żewġ qassisin minn Birkirkara bħala xiehda, u ddikjara li kien qed jaċċetta lil Ġanni Ciantar bin Pietru, Karkariż ukoll, bħala Sagristan tal-knisja tiegħu f'Ix-Xwieki. Fost obbligi oħra, dan is-Sagristan kellu jmur kull nhar ta' Sibt biex jixgħel il-lampier ta' dik il-knisja.

Kellu jkun preżenti wkoll kull meta l-istess Prepostu imur iqaddes hemm, u kellu wkoll jeħodlu ħsieb xi raba' f'dawk l-inħawi. Fuq kollox, kellu jġib ruħu sewwa u kif jixraq bħala qaddej tajjeb tal-Prepostu u tal-knisja.

Dwar salarju u ħlas il-Prepostu u Ciantar kienu ġa ftehmu bejniethom, imma ma ridux li dan jitniżżel bil-miktub. Hu mifhum li t-tnejn kienu kuntenti.

❖ ❖ ❖



Isem il-Prepostu u Protonotarju Apostoliku Dr Gaspare Vassallo jibqa' minqux fl-istorja tal-Kolleġġjata u ta' Birkirkara mhux biss minħabba fil-knisja li bena minn butu f'Ix-Xwieki, imma wisq iżjed għad-difiża qawwija tiegħu favur l-Arċipriet Prepożitorjali fil-Kor tal-Kolleġġjata f'kawża li l-Arċipriet-Kurat Dun Patist Xicluna u xi żewġ Kanonċi miegħu kienu għamlu f'Ruma kontra tiegħu. Jibqa' magħruf ukoll għas-setgħa li ngħatatlu minn Ruma fl-1731 biex ikun jista' jimponi multi żgħar ta' flus bħala kastig għall-Arċipriet-Kurat u l-Kanonċi l-oħra meta dawn ikunu naqsu li jobduh bħala Prepostu u l-Preminent tal-Kapitlu.

Imma dan hu suġġett li jiġi trattat f'xo okkażjoni oħra.

❖ ❖ ❖

Veteran

